

Passiġġieri 540/800

Hekk kif il-bastiment spazjali *Valhalla* qorob lejn is-sistema solari ta' Alpha Centauri, il-passiġġieri bdew iqumu mir-raqda t-twila. Il-bastiment telaq mid-Dinja disa' mitt sena qabel u kull mitt sena il-kompjuters kienu jqajmu l-passiġġieri, jagħmlulhom test mediku u jerġġu jraqqduhom. L-iżgħar persuna kellha mad-disa' mija u ħamsin sena. Wara inċident ta' radjazzjoni, il-passiġġieri sfaw sterili u din kienet problema li l-kompjuters ma setgħux isolvu.

Allura l-kompjuters iddeċidew li joħolqu żewġ passiġġieri *oħra*, li qatt ma raw id-Dinja ħlief fuq il-videos u s-simulazzjonijiet. Semmewhom Ask u Embla. Riedu jistudjaw is-sitwazzjoni taż-żgħażaġħ qalb folla ta' nies li għexu fit-tul u riedu wkoll isolvu l-problema ta' sterilità.

Iż-żgħażaġħ qattgħu l-ewwel xhur ta' ħajjithom jitekellmu mal-kompjuters, jiġru mal-bastiment u jaqraw il-kotba diġitali fil-librerija. Kienu ħerqana li jiltaqgħu mal-passiġġieri li s'issa kienu rawhom biss reqdin fis-swali krijoġeniċi.

Il-kaptan kien l-ewwel li qam. Bħala l-ixjeħ bniedem abbord, ipprova jiftakar x'jiġifieri tkun żagħżuġħ. Hu u l-passiġġieri l-oħra kienu telqu mid-Dinja ħerqana għal ġejjieni ġdid imma bl-ideat u d-dnubiet tad-Dinja mwaħħla magħhom bħal fossili. Dawn iż-żgħażaġħ kienu t-tama l-ġdida tagħhom.

Fis-sala l-kbira bdew jinġabru l-ewwel passiġġieri. Kellhom kurżità għala l-kaptan sejħilhom daqshekk malajr.

Il-kaptan qal,

“Wara l-inċident tar-reattur li seħħ erba' mitt sena ilu spiċċajna kollha sterili. It-tama li nkunu kolonja awtosuffiċjenti għosfrot. Il-kompjuters ippruvaw isolvu din il-problema. Wara ħafna taqtigħ il-qalb u esperimenti falluti, erbatax-il sena ilu rnexxielhom.”

Dehxa ġriet mas-sala malli l-passiġġieri semgħu kliemu. Baqgħu mbellha, ma jistgħux jemmnu dak li semgħu.

“Għalhekk, bi pjaċir inlaqqagħkom ma' Ask u Embla.”

Infetaħ il-bieb tas-sala u mdawra bid-dawl ta' żewġ ixmux il-passiġġieri raw żewġ persuni ġodda li ma telqux magħhom mid-Dinja. Qamet geġwiġija ta' nies jitekellmu fuq xulxin. Iż-żgħażaġħ baqgħu jħarsu lejn folla nies bi stil ta' lbies aljen u b'aċċenti li għalihom instemgħu strambi.

Il-kaptan għamel sinjal biex niesu jisktu. Dar lejn Ask u Embla,

“Intom it-tama tagħna għal ġejjieni. Hemm ħafna dwar xiex nitkellmu u maż-żmien nispera li naslu nifhmu lil xulxin. M'aħniex għal dejjem minkejja li kellna ħajja twila.”

Waqaf għal ftit, tbiisem, u tenna,

“Imma l-ewwel ħa nkellimkom dwar id-Dinja.”